# Bormla
# 425 Sena Parroċċa
# 1586 – 2011



Kitba ta' Joseph R. Gatt

## It-Twaqqif tal-Parroċċa - Ftit Storja

Aktarx li l-ewwel tagħrif uffiċjali dwar il-parroċċa ta' Bormla nsibuh fil-Vista Appostolika li kien għamel f'Malta l-Inkwiżitur Mons. Pietro Dusina fl-1575. Mons. Dusina mar Bormla fid-19 ta' Frar, 1575. Dakinhar żar il-knisja ta' Santa Marija tas-Sokkors li fiha sa minn qabel l-Assedju l-Kbir (1565) kienu jamministraw xi sagramenti. Imma ġara li fl-Assedju l-Kbir l-abitanti ta' Bormla trekknu fil-Birgu. Fir-rapport tiegħu, fost l-oħrajn, Mons. Dusina jgħid li din il-Knisja ma kellhiex rettur imma kienu jieħdu ħsiebha tliet prokuraturi lajċi, jgħid li kienet mibnija tajjeb u li kienet miżmuma sewwa. Kellha altar maġġur u altari oħrajn, aktarx tnejn. Ma kellha ebda piżijiet u dħul, iżda fiha kien jinżamm is-Sagrament.



Il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla.

Dusina jgħidilna wkoll li kienet tagħmel mal-parroċċa tal-Birgu u li dik il-ħabta f'Bormla kienu jgħammru madwar 1,200 persuna.

## It-Talba għall-Parroċċa

Dakinhar tal-vista saret talba min-nies ta' Bormla biex ikollhom qassis imħallas minnhom stess ħalli jibda jamministra s-Sagramenti Mqaddsa u jiċċelebra l-quddiesa. Dusina wara li fehem ir-raġunijiet tagħhom, laqa' t-talba tagħhom u ordna biex jinħatar qassis regolari. Dan tista' tgħid li kien l-ewwel pass biex Bormla, aktar tard, titwaqqaf parroċċa indipendenti. Dak iż-żmien kemm Bormla u kemm l-Isla kienu jagħmlu mal-Paroċċa tal-Birgu. Il-Kappillan tal-Birgu aċċetta li l-Knisja ta' Bormla jkollha rettur, imma dan biex jgħammed biss f'każ ta' emerġenza; il-Magħmudijiet kellhom jibqgħu dritt tiegħu u jsiru fil-Birgu. Għall-ewwel, Bormla kellha bħal Viċi Rettur lil Dun Salv Burlò.

L-Isla kienet diġà nfirdet minn dik tal-Birgu fil-1581, imma dik ta' Bormla ħadet iż-żmien tagħha. L-abitanti ta' Bormla kienu parti integrali mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, marbuta u dipendenti għal kollox mill-knisja ta' San Lawrenz u obbligati jgħammdu u jirċievu s-Sagramenti l-oħra fil-Knisja Parrokkjali tal-Birgu. Imma l-Bormliżi riedu jkollhom il-parroċċa tagħhom, u mhux aktar dipendenti minn dik tal-Birgu, u b'identità kollha tagħha, bi knisja parrokkjali tagħhom, bil-kappillan u l-kleru tagħhom. Ma kienx li wieħed jaqbad u joħloq parroċċa minn ommha.

Wara, madwar is-sena 1586, Bormla nqatgħet mill-Parroċċa tal-Birgu u saret parroċċa indipendenti għaliha, bl-ewwel Kappillan ikun Dun Mikiel Cap. Hawn ta' min ifakkar li t-talba biex issir paroċċa tressqet quddiem Mons. Pietro Francesco Costa, supretendent tal-Isqof Tommaso Gargallo (1578 – 1614), fl-1 ta' Ġunju 1584 mill-prokuraturi ta' Bormla Benedetto Rosso, Domenico de Mondina, Gerolomo Russo u Marino Gawdisio. Dan kollu nafuh minn kuntratt li sar quddiem in-nutar Andrea Albano. Sa issa l-edit tal-erezzjoni tagħha f'parroċċa, għadu ma nstabx, u b'hekk la nafu sewwa sew min ħarġu u meta sar u wisq anqas meta l-ewwel kappillan ħa l-pussess. Imma mill-arkivju parrokkjali ta' Bormla nafu li l-ewwel reġistru ta' magħmudijiet fil-"Parrocchiale Chiesa di Burmla del Anno 1567" jurina l-magħmudijiet li saru fl-ewwel ta' Jannar, 1587 u oħrajn fl-istess xahar.

Issa la l-knisja ġiet magħżula biex tkun il-knisja parrokkjali kellha

bżonn li jkollha fonti tal-magħmudija, armarju fil-ħajt biex fih jinżammu ż-żjut imqaddsa, ir-reġistri parrokkjali tal-magħmudijiet, taż-żwiġijiet, tal-imwiet u oħrajn mitluba mill-knisja, u dar għall-kappillan.

Mill-ewwel Vista tal-Isqof Tommaso Gargallo fl-1602 li għamel f'Bormla nafu li l-knisja kienet magħrufa b'***Sanctae Mariae Conceptionis del Soccorso*** u li kellha xi legati. Visti Pastorali oħra jagħtuna aktar tagħrif.

## Il-Knisja Titkabbar

Mal-medda taż-żmien l-għadd tan-nies beda joktor u joktor. Il-knisja saret żgħira wisq; kien hemm il-ħtieġa li jkun hemm waħda akbar u aħjar. Madwar ħamsin sena wara (1730), kabbruha, żejnuha u fi żmien il-Kappillan Dun Gio-Battista Crispo (1728-59) ġiet ikkonsagrata fil-25 ta' Mejju 1732 mill-Isqof Paolo Alpheran De Bussan (1728-57) u fi żmien il-Granmastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-36). Lapida, 'il fuq mill-fonti tal-magħmudija tfakkar din il-ġrajja.

## It-Talba għall-Kolleġġjata

Kien ilu f'moħħ il-Kappillan Dun Ġużepp Bezzina u saċerdoti oħra li l-knisja ssir santwarju. Imma kien hemm ħsieb ieħor li l-Parroċċa l-ewwel issir Kolleġġjata mżejna b'dawk il-privileġġi li bihom huma mżejnin Parroċċi oħra barranin. B'hekk tkun ta' ġieħ kbir li jista' jkollha parroċċa. Dan il-ħsieb ta' 'Kolleġġjata' ngħoġob. Il-kappillan, il-qassisin u l-Bormliżi ħadmu fuq li ħadmu biex kisbu dan il-ġieħ sa mis-sena 1818 meta twaqqfet deputazzjoni bil-għan li tressaq it-talba formali lill-Isqof Ferdinando Mattei (1807-29) biex iressaq it-talba lis-Santa Sede. Il-Papa Piju VII (1800-23) laqa' t-talba u ħareġ id-digriet f'Ġunju1822. Il-Knisja Parrokkjali ġiet eretta f'Kolleġġjata Insinji bil-Motto FLANGAR NON FLECTAR – NITFARRAK IŻDA MA NĊEDIX. Il-Kappillan Dun Ġużepp Bezzina nħatar l-ewwel Arċipriet-Kurat. Kopja tat-talba u d-digriet insibuhom fl-Arkivju tal-Kolleġġjata. Il-knisja ta' Bormla saret is-sitt Kolleġġjata f'Malta u t-tielet waħda fil-Kottonera. Bit-tħabrik tal-Isqof Gaetano Pace Forno (1857-74) il-Kapitlu ġie ddekorat bis-salib pettorali miżmum b'kurdun tal-ħarir ikħal b'fili tad-deheb, fil-bidu kien biss tal-ħarir ikħal. B'digriet ieħor tal-Papa Piju X fl-1906 il-kapitlu kiseb id-dritt tal-użu tal-mazza kapitulari.

## Knejjes u Kunventi

F'Bormla minbarra l-knisja parrokkjali nsibu wkoll l-Oratorju tad-Duluri (tal-fratellanza tal-Kurċifiss), il-Knisja u l-Kunvent tal-Patrijiet ta' Santa Tereża, Karmelitani (Skalzi), il-knisja ta' San Pawl, il-Kunvent ta' Santa Margerita, il-knisja tal-Istitut ta' San Ġużepp u Dar għall-Anzjani mibnija (f'lok l-istitut) u miftuħa f'Diċembru 1999. Knisja oħra hi ta' San Ġwann t'Għuxa mibnija mill-ġdid fl-1682 flok oħra qadima li kienet 'il barra mis-swar ta' Bormla. Ma' dawn insemmu wkoll il-kappelli ta' San Tumas, tas-Sorijiet Franġiskani, tal-Orsolini u ta' Mother Teresa – Missjunarji tal-Karità u ċ-Ċimiterju tal-Erwieħ, (Pesta 1676, li ma għandu l-ebda użu).

Kien hemm knisja żgħira ta' San Franġisk de Paula, fix-xatt ta' Kordin, li ma għadhiex teżisti, għax twaqqgħet biex saret parti mill-bini tat-tarzna kif ukoll il-bini ta' madwar ix-xatt ta' Bormla.

Għad fadal xi fdalijiet tal-ewwel knisja tas-Sokkors mirduma madwar l-aħħar kwart tas-seklu 17, taħt il-bini ta' Triq il-Ġdida, illum Triq l-Inkurunazzjoni, lejn il-Mina ta' Santa Liena. B'xorti tajba dawn il-fdalijiet ġew mikxufa madwar l-1946 meta kienet qiegħda ssir rikostruzzjoni ta' Bormla. Jien rajtha bħal ħafna oħrajn. Din tidher li kellha partijiet imħaffra fil-blat. Vers mill-iskrittura, fil-għoli tal-arkata jaqra **Patrum Maria Virgo Genuit.** Wara xi żmien rajnieha qed tinħeba mill-ġdid taħt l-art, imma llum irħama 'l fuq mill-bieb tfakkar din il-knisja. Fis-seklu sbatax il-knisja ġiet ipprofonata u ftit ftit intesiet. Maż-żmien parti minnha ġiet magħquda ma' binja u nħbiet għal kollox. Mhux il-każ li f'din il-kitba ngħidu aktar dwar din il-knisja.

**IL-FESTA** tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Diċembru bil-mużika ta' Mro. Carlo Diacono. Mill-Vista Pastorali (1693-94) nafu li fl-aħħar kwart tas-seklu sbatax il-festa kienet ġa ssir b'solennità kbira u purċissjoni bil-vara wara nofsinhar, u purċissjoni oħra f'Mejju fil-festa tal-Madonna tal-Purità. Purċissjonijiet oħra llum isiru fil-festi tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Kristu Rxoxt, ta' Pentecoste, tal-Madonna tar-Rużarju u ta' San Ġużepp.

## Fratellanzi, Statwi u Pittura

Qabel ma l-knisja saret parroċċa twaqqfu l-fratellanzi tas-Ssm Sagrament, u wara dawk tal-Kurċifiss, tal-Kunċizzjoni, ta' San Andrija, tar-Rużarju, ta' San Mikiel, ta' San Ġużepp, ta' Sant'Agata, is-Soċjetà San


L-istatwa tal-ġebel ta' Sant'Elija, li ħelsitha mill-qilla tal-gwerra

Vinċenz de Paula, is-Solidalità tal-Qassisin u kongregazzjonijiet oħra, li llum ħafna minnhom spiċċaw.

Saru l-vari ta' San Mikiel, Sant'Agata, Madonna tar-Rużarju, il-vara titulari ta' Marija Immakulata, minquxa fl-injam u wara maħduma fil-fidda (1905), il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u ta' Kristu Rxuxtat (mogħti mill-fratell Celestiono Sacco fl-1741), u Santu Kruċ (tas-Salib). Naraw Kurċifiss kbir, antik u impressjonanti, miġjub minn Kandja fi Kreta, bi storja kurjuża u interessanti. Inġiebu minn Ruma tliet Korpi Santi, ta' Santa Klara u San Onoratu. Dawn narawhom fil-mensa tal-artali. Il-fdalijiet ta' San Klement narawhom fl-artal tal-Oratorju u l-Magħmudija ta' Kristu minn San Ġwann.

Bormla kellha diversi statwi tal-ġebel fit-triqat imma tilfet ħafna minnhom, għajr dawk ta' Marija Immakulata ta' quddiem il-knisja u ta' San Elija ta' ħdejn il-knisja ta' Santa Tereża. Kunċizzjoni fi Triq il-Kunċizzjoni, id-Duluri ta' fejn l-Oratorju u oħra fiċ-Ċimiterju tal-Pesta (1675-76) fi Sqaq l-Erwieħ, il-Madonna tal-Karmnu fi Triq Nelson. Dan kollu sar ħtija tal-gwerra u tar-rikostruzzjoni li saret wara t-tieni gwerra dinjija, biex saret BORMLA tal-lum, b'hekk tilfet ukoll bosta bini qadim u turġien ta' xi triqat biex inbnew triqat, pjazez u binjiet ġodda u moderni. Bormla tilfet ħafna mill-karatteristika antika tagħha.

## Statwi Mitlufa

Bormla tilfet l-istatwi tal-ġebel ta' San Pawl fi Pjazza Gavino Gulia, tal-Madonna tal-Karmnu fil Pjazza Bonnici, tal-Kunċizzjoni fejn il-Bieb ta' Santa Liena, ta' San Andrija fi Triq ix-Xatt ta' Bormla, tal-Kunċizzjoni

fi Pjazza Paolino Vassallo dari kantuniera ma' Sqaq il-Kunċizzjoni (illum bejn Triq ir-Regatta). Hawn ta' min ifakkar li Bormla tilfet 'Bieb Bormla' li kien jagħti għall-inħawi ta' Kordin meta kienu qed jinbnew il-baċiri ta' wara l-Isla u biex hekk saret il-mina ta'Għajn Dwieli (Għajn Dwieli Bridge) taħt il-Kwartier ta' San Pawl. Baqa' biss isem triq Bieb Bormla.

## Pittura

Kif nafu l-knisja hija ddedikata lit-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija. Il-prospettiva sublimi tal-kor u d-dekorazzjoni tal-koppla u s-saqaf bil-pittura ta' Ġużeppi Calì, Virgilio Monti u Pawlu Camilleri Cauchi jagħnu l-knisja. Pietru Pawl Caruana pitter il-kwadru Titulari. Dan ġie nkurunat mill-Kardinal Domenico Ferrarta fis-sena 1905, u ħamsin sena wara, il-Kardinal Frederico Tedeschini żejnu bi stillarju tad-deheb u ħaġar prezzjuż. Artisti oħra fosthom Gian Nikol Buhagiar, Rokku Buhagiar, Francesco Zahra, Alessio Erardi u oħrajn għamlu l-kwadri tal-artali. Ix-xogħlijiet ta' Carlo Gimach, Tumas Madiona, Gius. Calleja, Antonio Zammit, Gius. They u oħrajn narawhom fis-sagristiji, fl-Awla Kapitulari u fl-Oratorju tal-Kurċifiss.

## Sur Kbir Iħaddanni

Bormla rat telgħin is-swar u l-ħitan qawwija jħaddnuha u fl-1720 kisbet it-titlu ta' *CITTÀ COSPICUA* mill-Gran Mastru Marc'Antonio Zondadari (1720-22), bil-motto *Ingens Amplectitur Agger* (Sur kbir iħaddanni). Fuq il-Bieb ewlieni ta' Santa Liena hemm kitba bil-Latin li f'ilsienna tgħid u tfakkar ġrajjet dawn is-swar li tlestew fl-1736. L-ewwel ġebla tagħhom tqiegħdet fit-30 ta' Diċembru 1638 fuq l-Għolja ta' Santa Margerita. F'ilsienna tgħid ukoll "*Dan is-Sur inbena għal aktar difiża ta' dawn il-portijiet fuq disinn tal-Kardinal Vincenzo Marculano da Firenzuola u fi zmien il-Gran Mastri J.P. Lascaris, Raymond Perellos, Marc'Antonio Zondadari u Antoine Manoel de Vilhena.*"

L-arma tagħha hija siġra tal-Qoton fuq sfond isfar meħuda mill-istemma tal-Gran Mastru Nicola Cottoner (1663-80). Illum il-popolazzjoni ta' Bormla tlaħħaq madwar 6,500 u 1800 familja.

## Il-Mexxejja Pastorali

Fil-medda ta' 425 sena l-parroċċa kellha dawn il-mexxejja pastorali li

ħadmu mill-aħjar tagħhom biex jaraw li l-knisja tiżżejjen u l-parroċċa ta' Bormla tiżviluppa u tiġi 'l quddiem spritwalment u materjalment.

## L-Ewwel Kappillani

| | |
|---|---|
| Dun Mikiel Cap | 1586-1642 |
| Dun Palmerino Cap | 1642-1661 |
| Dun Domenico de Modica | 1661-1662 |
| Dun Francesco Asciach | 1662-1668 |
| Dun Gio-Maria Barbara | 1669-1689 |
| Dun Paolo Lamagna | 1689-1690 |
| Dun Gioacchino Vella | 1690-1697 |
| Dun Cosmano Zarb | 1697-1699 |
| Dun Gioacchino Fabri | 1699-1714 |
| Dun Giuseppe Fabri | 1714-1717 |
| Dun Giov. Crisostomo Crispo | 1717-1728 |
| Dun Giov-Battista Crispo | 1728-1759 |
| Dun Gio-Battista Caruana | 1759-1765 |
| Dun Antonio Muscat | 1765-1793 |
| Dun Salvatore Fenech | 1793-1803 |
| Dun Salv. Montebello | 1804-1809 |
| Dun Gius Bezzina | 1809-1823 |

## Arċiprieti - Kurati Kolleġġjata

| | |
|---|---|
| Kan. Arċipriet Dun Gius. Bezzina | 1823-1824 |
| Kan. Dun Giov. Francesco Lia | 1825-1826 |
| Kan. Dun Anton Scasciato | 1826-1834 |

## Vigarji - Kurati

| | |
|---|---|
| Dun Giuseppe Schembri | 1834-1849 |
| Dun Mikiel Albanese | 1849-1852 |

## Vigarji – Kurati

| | |
|---|---|
| Kan. Costantino Perovich | 1852-1858 |
| Kan. Rosario Mercieca | 1858-1877 |
| Kan. Giuseppe Mercieca | 1877-1879 |
| Kan. Gwann Schembri | 1879-1891 |
| Kan. Giuseppe Azzopardi | 1891-1913 |

| | |
|---|---|
| Kan. Paolo Caruana | 1913-1929 |
| Kan. Anton Camilleri | 1930-1942 |
| Kan. Karm Cutajar | 1942-1947 |
| Kan. Alwiġ Abela | 1947-1972 |

------------(l-aħħar Vig. Kurat)-----------

## Arċiprieti

| | |
|---|---|
| Kan. Dun Mikiel Albanese | 1852-1879 |
| Kan. Anton Albanese | 1879-1885 |
| Kan. Vinċenz Sapiano | 1885-1891 |
| Kan. Vincenzo Despot | 1891-1895 |
| Kan. Salvatore Portughese | 1895-1902 |
| Kan. Ġwann Cauchi | 1902-1929 |
| Mons. Arċip. Domenico Cutajar | 1930-1963 |
| Kan. Ġużeppi Cassar | 1963-1968 |
| Kan. Gużeppi Burlò | 1969-1973 |
| Kan. Victor Cilia | 1973-1995 |
| Kan. Joe Mifsud | 1995- |

------------(l-Arċipriet Preżenti)-----------

## Għeluq

Din il-kitba hija biss farka minn ġrajjet il-Parroċċa tagħna, ftit mużajk u battuti mill-Parroċċa ta' Marija Immakulata f'għeluq l-425 sena mit-twaqqif tagħha.

Bijografija għand il-kittieb ta' dan l-artiklu
Floriana – 30 ta' Awwissu 2011.



Il-Madonna tal-ġebel li kien hemm faċċata tal-Mina ta' Santa Liena bil-bini mġarraf tal-gwerra. Qabel kienet flok dik li hemm ħdejn iz-zuntier tal-knisja.